MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 77/2006

Marie Josette Grima .

Vs

Direttur Reġistru Pubbliku .

Il-Qorti ,

Rat ir-rikors illi permezz tiegħu Marie Josette Grima, wara illi esponiet :

1. Illi isimha huwa Marie Josette u di fatti hija kienet minn dejjem magħrufa b'dana l-isem kemm fid-dar tagħha kif ukoll ma' ħbiebha u qrabatha u dana sa minn ċkunita sad-data ta' llum;

2. Illi isimha erronjament tniżżel bħala Mary Josephine u dana minkejja l-fatt illi l-ġenituri ta' l-istess esponenti kienu ċari fl-intenzjoni tagħhom li riedu isem binthom jaqra Marie Josette (Dok. A) ;

3. Illi dana l-istess żball jirriżulta wkoll fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' l-esponenti (Dok. B) kif ukoll fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' uliedha Adrian (Dok C) u Nicholas (Dok. D) ;

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u ħamsa u tletin tas-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (235/1969) billi fil-kolonna 'Isem il-Wild' l-isem jinbidel għal Marie Josette ;

2. Tordna korrezzjoni fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv tmienja u ħamsin tas-sena elf disa' mija u disgħin (58/1990) billi fil-kolonna "isem u Kunjom' l-isem jinbidel għal Marie Josette ;

3. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv tlett mija u ħmistax tas-sena elfe disa' mija u tnejn u disgħin(315/1992) billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom ta' l-omm' l-isem jinbidel għal Marie Josette .

4. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mija u tnejn u sittin tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (162/1998) billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom ta' l-Omm' l-isem jinbidel għal Marie Josette .

Bl-ispejjez u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt .

Rat ukoll id-dokumenti annessi mar-rikors, u ċioe' kopja ta' l-att tat-twelid tar-rikorrenti, kopja ta' l-att taż-żwieġ tar-rikorrenti, flimkien ma' Raymond Grima; kopja ta' l-att tat-twelid ta' Adrian Grima, bin ir-rikorrenti; kif ukoll kopja ta' l-att tat-twelid ta' Nicholas Grima, bin ir-rikorrenti wkoll .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut, illi ġie notifikat b'dan ir-rikors fit-18 ta' Diċembru, 2006 .

Semghet lir-rikorrenti tikkonferma l-kontenut tar-rikors tagħha .

Rat ukoll id-degriet tagħha tat-13 ta' Lulju 2006, li biha awtorizzat lir-rikorrenti, tipproċedi permezz ta' l-għajnuna legali .

Il-Qorti, peress illi jidhrilha illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi dan ir-rikors, billi tilqa' l-istess talbiet, u,

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u ħamsa u tletin tas-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (235/1969) billi fil-kolonna 'Isem il-Wild' l-isem jinbidel għal Marie Josette ;

2. Tordna korrezzjoni fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv tmienja u ħamsin tas-sena elf disa' mija u disgħin (58/1990) billi fil-kolonna "isem u Kunjom' l-isem jinbidel għal Marie Josette ;

3. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv tlett mija u ħmistax tas-sena elfe disa' mija u tnejn u disgħin(315/1992) billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom ta' l-omm' l-isem jinbidel għal Marie Josette .

4. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mija u tnejn u sittin tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (162/1998) billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom ta' l-Omm' l-isem jinbidel għal Marie Josette .

Minħabba n-natura ta' din il-kawża, ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------